MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Numru 415/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond J. Borg**

**V**

**BERNARD BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **BERNARD BUGEJA** ta' disgha w ghoxrin sena bin Saviour u Carmen nee Lautier, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Frar 1976, residenti 26, 'Gazbern', Triq Hal Gharrat, Hal Tarxien u detentur ta' karta tal-identita numru 113476M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sbatax ta' Dicembru 2005 ghalhabta tal-hdax u nofs ta' filghodu f'dawn il-Gzejjer,

1. Ikkommetta serq ta' flus w oggetti ohra minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni KOP 002 tal-

ghamla Peugeot liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa liema valur jeccedi l-elf lira maltin;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkoztanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli fil-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni KOP 002 liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' K-Optics Company Limited ta' Tas Sliema;

3. Talli fl-istess data, f'dawn il-Gzejjer sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li tkun, indhal biex jbieghhom jew imexxihom;

4. Talli fl-istess data, ddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva, reat li kien jaf li ma sarx inkella holoq b'qerq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak r-eat kien sar.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esbiti.

Rat wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-ghoxrin ta' Dicembru 2005 esibita bhala dokument CSH 2 esibita fl-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, salv u b'eccezzjoni tat-tielet akkuza li nghatat mill-prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghal akkuza ta' serq mill-liema akkuza l-Qorti qed tastjeni li tiehu konjizzjoni.

Rat wkoll il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat daqs li kieku huwa *a first time offender*.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006.

Ikkunsidrat:
Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-ewwel opportunita moghtija lilu u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz u dan sa mill-bidu nett li rrilaxxja l-istqarrija tieghu, kif jirrizulta minn ezami tal-istess dokument CSH 2 esibit.

3. Li s-socjeta in generali ma sofriet ebda danni u dan ghaliex l-imputat ghamel tajjeb ghal hsarat kagjonati minnu kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006 registrat fl-atti.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 110(2), 263, 267, 271(g), 278, 280, 325(b) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddecidi li ssib lill-imputat BERNARD BUGEJA hati tal-ewwel [1], t-tieni [2] w ir-raba [4] akkuza kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn [2] sospizi ghal tlett [3] snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'**

**Malta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet [3] akkuza.**

**Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil- imputat u x'jigri jekk jonqos li josservaha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------